**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Sandro Millo**

**VS**

**Martin Carbonaro**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Martin Carbonaro ta' 45 sena, bin Carmel u Antoinette nee' Zerafa, mwieled Pieta' fit-23 ta' Lulju 1968, residenti 27, Hail Mary, Flat 3, Triq Fabrizio Bartolo, Mosta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 305268M;

Talli fis- 6 ta' Awwissu 2013 ghal habta tat-8.30pm gewwa 135, Triq Sir William Reid, Gzira;

1) Qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecent, jew ghamel atti je gesti oxxeni , jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

2) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded ingurja jew hebb ghal Joseph Magro;
4) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq bieb ta' aluminjum gewwa blokka flats fi triq imsemmija liema hsara hija ta' €590 ghad-dannu ta' Joseph MAgro;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kellu argument ma' Joseph Magro fis-6 ta' Awwissu, 2013, fi Triq Sir William Reid, Gzira. Magro huwa sid ta' blokka appartamenti f'dik it-triq, fejn appartament minnhom huwa mikri lil oht Carbonaro, Josephine. L-argument inqala' ghax Magro biddel is-serratura tal-bieb tal-bejt tal-appartamenti, u ma tax cavetta lil Carbonaro, peress illi, skond hu, kienu jhallu hafna imbarazz taghhom fuq il-bejt bil-konsegwenza li jkollu jnaddaf hu u jsewwi l-hsara li Carbonaru jaghmlu minhabba f'hekk. Jidher li saru xi telefonati bejn Carbonaro u Magro, u l-imputat mar fuq il-post u sab lil Magro u lil ibnu, Carmel. Dawn gew fl-idejn u aggredewlil xulxin u ghamlu xi feriti

lil xulxin. L-imputat tela' fuq il-bejt u ghamel hsara f'dan il-bieb li ma nghatax cavetta tieghu. Ghalhekk ittiehdu proceduri kontra Carbonaro ghall-hsara volontarja, ksur ta' buon ordni u paci pubblika, ingurji w theddid, u kliem oxen u indecent fil-pubbliku.

Mill-provi prodotti rrisulta ampjament ippruvat illi l-imputat wettaq il-hsara volontarja fuq il-bieb tal-bejt ta' Magro. Apparti minn hekk, l-incident kien akkumpanjat minn ghajjat u storbju da parti tieghu, kif xehdu Joseph u Carmel Magro.

Kwantu ghall-piena, peress illi l-istess incident kien ipprovokat miz-zewg nahat, il-Qorti ma tarax illi ghandha taghti piena ta' habs effettiv lil Carbonaro, izda tifhem li hemm bzonn ta' aktar deterrent u kontroll fil-hajja tieghu, sabiex jevita ripetizzjoni ta' dawn it-tipi ta' incidenti, u forsi jircievi ghinuna fil-problema ta' xorb li jidher li ghandu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 338(bb), 338(dd), 339(1)(d) u 325 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah xaharejn prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taht supervizjoni ta' ufficjal tal-probation.

Tordna hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal sentejn favur Joseph Magro ai terminu tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**